MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 36 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 21ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President Sindku Marsascala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Stephen Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |

Kunsillier B’Bugia Is-Sur Alexander Caruana

PREŻENTI B’MOD VIRTWALI:

ASSENTI B’APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Kunsillier Ħal-Għaxaq Viċi Sindku Brian Xuereb

Sindku Santa Venera -Is-Sur Gianluca Falzon

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**36.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

36.1.1 Is-Sindku Gianluca Falzon u Viċi Sindku Brian Xuereb bagħatu jinformaw li ma jistawx jattendu.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

36.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Romeo Baldacchino il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**36.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

36.2.3.1 **Programm mill-Għatba 'l barra**

Il-President fakkar li l-programm mill-Għatba kien qiegħed jixxandar fuq il-PBS. Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet ġibdet l-attenzjoni tal- produzzjoni ta' il-programm sabiex issir iktar enfasi li lokalitajiet fejn qed issir il-filming jiffurmaw parti mir-Reġjun Nofsinhar. Il-President tenna li Sindki meta jiġu intervistati għandhom ukoll ifakkru li huma jagħmlu parti mir-Reġjun. L-għan ta' dan il-programm huwa sabiex ikun hemm iktar għarfien tal-lokalitajiet u il-pubbliku jitgħallem iktar dwar ir-Reġjun.

36.2.3.2 **Tfakkira dwar il-korijiet internazzjonali fil-knejjes madwar ir-reġjun**

Il-president informa li tqassam il-programm ta' l-attività tal-korijiet. Huwa fakkar li Regjun ser iħallas għat-trasport tal-korijiet bejn il-lukandi u knejjes.

36.2.3.3 **Tender tal-binja amministrattiva**

Il-President informa li tender relatat ma renovar tal-Binja Amministrattiva ta' Reġjun ġie ippublikat u ser jagħlaq fil-5 ta' Diċembru 2024.

36.2.3.4 **European Network of Holyweek and Easter Celebrations**

Il-President informa li saret laqgħa online ma l-organizzaturi ta' European Network of Holyweek. Huma infurmaw li ser issir laqgħa għal dawk l-għaqdiet li għandhom affarijiet

x'jistaw jesebixxu. Din il-laqgħa ser issir online u min jixtieq jista' jagħti din il-kommunikazzjoni lil għaqdiet fil-lokalita tiegħu.

**36.3 Komunikazzjoni mill-president;**

36.3.1 **Rendikont tal-kontijiet u spejjez relatat ma ġbir ta' l-iskart**

F'sfond ta' diversi kommunikazzjoni dwar l-ispejjeż ta' l-iskart, rapporti mingħand il-Wastserv, setoffs li irrid jagħmel il-Kunsill, il-President informa li kien ser jagħmel spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-kontijiet. Permezz ta' preżentazzjoni power point, is-Sindki u il-Kunsilliera preżenti setgħu is-segwi il-kontijiet attwali ta' kull kunsill u dak li qed iħallas ir-Reġjun. Huwa tenna li qiegħed jagħmel l-almu tiegħu ma DLG u AKL sabiex iwassal il-messaġġ rigward il-qada finanzjarja li qiegħed fiħ ir-Reġjun u il-Kunsilli minħabba l-ispejjeż ta' tipping fees. Il-President kompla billi fakkar li Wastserv għada qed tinsisti li ma troddx lura spejjez relatati ma tipping fees ta' skips li ma humiex ta' Reġjun.

Il-Kunsill irringrazzja lil President u tennew li issir xi forma ta' rimedju ta' kif jinġabru dawn l-ispejjeż.

36.3.2 **Kommunikazzjoni ma l-organizzaturi tal- Quiz**

Il-president informa li mir- rikjesti li nbtagħtu lil skejjel sabiex jipparteċipaw, kien hemm ħames skejjel l-ikkonfermaw li jipparteċipaw. Waqt din il-laqgħa saret kommunikazzjoni online ma l-organizzaturi fejn tagħt rendikont ta' x'kien sar sa issa. Hija qalet li kien hemm skejjel li huma entużjasti filwaqt li kien hemm oħrajn li mhumiex interessati.

Il-Kunsill qabel li fejn ma jkunx hemm konkorrenza tintalab il-parteċipazzjoni ta' għaqdiet oħra ġewwa lokalita billi toħroġ sejħa mill-kunsilli lokali.

**36.4 Skeda ta' Pagamenti;**

36.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

36.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat Kunsillier Elke Sghendo il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**36.5 Rapporti**

**Ma kienx hemm rapporti**

**36.6 Item: Tender StreetLighting Maintenance**

Il-President fakkar li kif kienet infurmat is-Segretarju Eżekuttiv it-tender li jkopri il manutenzjoni relatata ma dwal ta' toroq fil-lokalitajiet wasal biex jagħlaq. Ir-Reġjun

qiegħed jaħseb sabiex jinħareġ tender ġdid u dan ikun jinkludi lokalitajiet ġodda li naqdu ma Reġjun fis-sena 2022. Huwa tenna dan it-tender ikopri servizz ta' manutenzjoni, xiri ta' bozoz, dwal dekorattiv u items oħra relatat ma dawl ta' toroq. L-ispiża għal dak li jkun hemm bżonn titħallas mill kunsill lokali li jagħmel użu min dan it-tender. Il-ħsieb li jinħareġ tender wieħed huwa sabiex il-prezz li finalment ikun qed iħallas il-Kunsill Lokali ser ikun inqas milli wieħed joħroġ tender wieħed, iżda kull Kunsill Lokali huwa liberu li jiddeċidih huwa jekk ikunx irid ikun parti min dan it-tender. Huwa ippropona li Kunsilli Lokali jinfurmaw lil Kunsill tagħhom dwar din deċiżjoni ħalli tender ikun jista' jinħareġ f'qasir żmien.

Il-Kunsill qabel li jinħareġ it-tender u li l-istima tkun ta' 130,000 ewro.

**36.7 Affarijiet Oħra**

36.7.1 Il-Kunsillier Elke Sghendo tkellmet dwar il-preokupazzjoni tagħha dwar il-problema ta' l-parkjar tal-vetturi kummerċjali f'toroq residenzjali. Hija tenniet li saħansitra hemm nies lanqas ikunu jistaw joħroġu mill bieb ta' barra tagħhom. Is-sindki u l-kunsilliera presenti qallu li huma għandhom l-istess problemi fil-lokalitajiet tagħhom.

Il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa mal Ministru ta' Trasport.

**36.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

36.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024

Konfermati llum 16 ta' Diċembru 2024____________________

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Jesmond Aquilina | Mariella Strout |
| President | Segretarju Eżekuttiv |